**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 75/07**
It-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *IRTIRA FI 6.45PM* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *SKUŻATA* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
75.5 Rapporti;
75.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 61/07;
75.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
75.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
75.9 Mozzjonijiet;
75.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**75.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li s-Sra DORIS VELLA kienet bgħatet ittra ta' apoloġija għal din il-laqgħa. Il-Kunsill unanimament approva din l-ittra ta'apoloġija. Ittri ta' Apoloġija

**75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 74/2017 tat-28 ta' Novembru 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, dan kien baqa' jfittxu u jinsisti li jiltaqa' miegħu u saħansitra s-Sur Jimmy Vella reġa mar l-uffiċċju tar-Reġjun Xlokk u anke l-uffiċċju tal-Kunsill stess biex ikellmu. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i.i** Is-Sindku żied jispjega li għalkemm il-Kunsill kien qabel li nerġgħu nkelmu lill-Avukat u lill-Accountant sabiex jikkonfermawlna x'nistgħu nħallsu u kemm irridu nibdew inħallsu skond l-iskeda mqassma fuq tmien snin, wieħed ried iżomm f'moħħu l-kontestazzjonijiet fuq il-kontiiet li l-Kunsill għandu ma dan l-istess Kuntrattur, l-ewwel fost l-oħrajn it-tħaffir ta' Triq l-Annunzjata.

**ii.** Is-Sindku qal li fir-rigward tal-problema ta' tħaffir fi Triq Dun Karm Sant minn dan l-istess Kuntrattur, huwa kien bgħat lit-TM sabiex jiġu jivverifikaw ix-xogolijiet li saru. Vella Group – Triq DunKarm Sant

*Il-Kunsillier Ismael Dalli rtira fis-6.45pm*

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kienet saret ma' Cassar Shiprepair konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. Turf tal-ground 5 aside

**iii.i** Qal ukoll is-Sindku li l-avukat tagħna kien infurmah li l-każ kien intrebaħ imma l-Kunsill issa ried ifittex lill-ITALGREEN l-Italja. Żied jispjega s-Sindku li kien ser jerġa jikkuntattja lill-Avukat sabiex hu jikkordina mas-Sur Desmond Mizzi ta' *@240LTD*.

**iv.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ewwel kont mill-Kuntrattur DIMBROS kien ġie ssetiljat u li t-tieni fażi tax-xogħol kienet inbdiet ukoll u x-xogħol kien miexi sewwa. Tender toroq

**v.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-toroq Paola u Santa Marija, kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti pero hu kien iltaqa' mal-Ministru u reġa fakkru fuqha. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**vi.** Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kellu jingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq għalissa kien għadu kollox l-istess hekk kif spjegat lilhom fil-laqgħa preċedenti. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

**vii.** Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. Laqgħa GREEN MT – Bins

**viii.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**viii.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand

l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-bus shelter ta' Triq Palma kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irraporta fil-laqgħat preċedenti. Żied jgħid li din il-materja kienet ġiet diskussa fl-AKL u jidher li kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn l-Ex Kuntrattur u l-AKL. Bus Shelter Triq Palma

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox pendenti fuq il-każ mat-TM fejn kien talabhom li l-ewwelnett jirrikunsidraw li double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael jerġgħu jiġu għal metru fuq kull naħa tal-garaxx u dan wara li l-istess TM kienu żieduhom u tawluhom għall-żewġ metri u nofs fuq kull naħa u dan għad-detriment tar-residenti l-oħra, u t-tieni li l-indirizz li t-TM kienet qed tikkwota ma kienx jeżisti għaliex fejn indikat kien Triq Xandru Farrugia u mhux Triq il-Pellikani,. Triq Pellikani Nru. 80, St Michael

**xi.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu, u in vista tal-fatt li dawn minn Jannar 2018 kienu ser jiżdiedu kollha fil-paga madwar €200 kien qed jippretendi li dawn jagħtu iktar. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

**xi.i** Is-Sindku Paul Farrugia qal ukoll li waqt laqgħa għas-Sindki f'Għawdex din l-issue ssemmiet u kien inqala rebus għax jidher li l-Kunsilli li għandhom minn dawn il-ħaddiema ma jaqblux li jitnaqsilhom in-numru ta' ħaddiema assenjati. Is-Sindku qal li hu li qal kien li in vista tal-fatt li dawn il-ħaddiema minn Jannar 2018 kienu ser jiżjiedu €200 fix-xahar hu kien qed jippretendi li dawn il-ħaddiema jagħtu iktar output u li jkun hemm tqassim iktar ekwu ta' dawn il-ħaddiema fost il-Kunsilli Lokali kollha.

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Is-Sindku Farrugia qal ukoll li kellu diskussjoni ma' rappreżentant tal-Ministeru tat-Turiżmu u saħansitra ħadu fuq il-post. Żied jispjega s-Sindku li talbu sabiex l-ewwelnett jgħinuna biex tiġi immenjata, u t-tieni semmielu anke l-gazebo il-kbira. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**xii.i** Is-Sindku Farrugia qal wkoll li kif kien qed idur ma' din il-persuna nnota li l-gazebo ta' Triq Sta Tereza kellha bżonn xi manutenzjoni kemmxejn urġenti u għaldaqstant kien ġabar xi kwotazzjonijiet u li kien qed iressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinbeda x-xogħol meħtieġ minnufih. Gazebo Triq Santa Tereża

**xii.i** Il-Kunsill approva dawn il-kwotazzjonijiet u li x-xogħol neċessarju jibda minnufih.

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li konna ktibna lill-Kummissjoni hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti, konna għadna mingħajr tweġiba mingħand l-Kumm. Elettorali fir-rigward tal-binja li kienet qed tiġi allokata ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien. Blokka apaprtament i ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**xiii.i** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li niċċekkjaw mar-Reġistru Elettorali ta' Ottubru 2017 biex naraw fejn qegħdin imniżżlin.

**xiii.ii** Il-Kunsill għal darb'oħra reġa ddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li nibqgħu nistennew tweġiba mingħand l-Kummissjoni filwaqt li kellna niċċekkjaw wkoll fuq ir-Reġistru Elettorali.

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba mingħand id-Direttur tat-Tarxien Youth Centre Ċirkolu San Ġwann Bosco biex jagħmlu użu tal-ground 5 aside u d-dressing rooms , konna rċevejna d-disclaimer u għaldaqstant konna ser immexxu u nagħtuh l-użu tal-ground 5 aside. Talba użu tal-ground

**xv.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsillieri li peress li fir-rigward tal-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* – il-Kunsill kien għad fadallu jieħu fondi ta' madwar €22,000, kien kiteb lis-Segr Parl l-Onor. Aaron Farrugia responsabbli għall-fondi Ewropej sabiex jara fuq il-kumplament tal-ħlas tal-Agreement. Proġett ERDF213

**xv.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-kwotazzjoni għall-bandiera biex tiddendel mal-arblu l-ġdid fir-roundabout ta' Triq Palma Ħal Tarxien konna ġibna l-qies u ordnajniha. Bandiera – Roundabout Triq Palma

**xvi.** Is-Sindku nofrma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur li kien ħadmilna l-pavimentar ta' Ġnien Veliko Turnovo sabiex tiżdied tarġa oħra mat-taraġ ta' fejn il-latrina. Tarġa - Ġnien Veliko Turnovo

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li kien ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill, id-DLG u s-Segr. Parl l-Onor. Silvio Parnis fejn ġejna mwiegħda li ningħataw €250,000 sabiex isir ix-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass issa kien jonqos biss li tinħareġ t-tender sabiex jintgħażel il-kuntrattur għax-xogħol neċessarju. Żied jispjega s-Sindku Farrugia li l-proċess biex tinħareġ din it-tender kien inbeda u li l-avviż tal-ħruġ tad-dokument kien ser jidher fil-GAZZETTA TAL-GVERN nhar il-Ġimgħa 22 ta' Diċembru 2017. Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rcevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident li kien seħħ fil-pjazza tal-knisja parrokkjali fejn vettura kienet baqgħet dieħla ġol-bankijiet, qal li għalkemm kien sar rapport lill-pulizija dawn baqgħu ma' għamlu xejn. Inċident fil-Pjazza quddiem il-knisja parrokkjali

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proposta fil-laqgħat preċedenti mill-Kunsillier Ismael Dalli sabiex il-Kunsill japplika għall-iskema biex fir-raħal isiru bicycle racks filwaqt li l-ispiża kollha biex isiru kienet ser tkun assorbita mill-Ministeru tal-Finanzi, kienet għad ma ġietx risposta. Bicycle Racks

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba tal-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji, din l-ittra kienet intbgħatet pero ma kienx għad kellna risposta. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**xxii.** Is-Sindku spjega s-sitwazzjoni fir-rigward tal-Impjegat Jaden Borg li kien tefa r-riżenja tiegħu. Żied jgħid is-Sindku li kien qed jissuġġerixxi li l-impjieg tiegħu sakemm inkunu in order jiġi tterminat qabel ma jkun ħadem d-disgħin jum kollu tan-notice period u dan mingħajr obbligi mill u/jew lejn il-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li nitterminaw l-impjieg ta' Jaden Borg. Riżenja u terminazzjoni Jaden Borg

**xxiii.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-tabella li kienet reġgħet twaħħlet sabiex minn Xintill k/m Triq Paola ma jgħaddux heavy vehicles, hu kien talab lill-LESA biex bejn is-7 u d-9am jibgħatu lil min jidderiġi t-traffiku, iżda l-LESA baqgħet ma weġbitx. Tabella sabiex minn Xintill k/m Triq Paola ma jgħaddux heavy vehicles

**xxiv.** Fir-rigward tal-kuntratti ta' Ġbir ta' Skart Domestiku, s-Sindku qal li bħalissa bħala AKL kienu qed jiddiskutu dan u kien hemm suġġeriment li jibda jinġabar mid-9am 'l quddiem. Il-Kunsillier Frans Agius issuġerixxa li anke forsi nibdlu r-rotta. Skart Domestiku

**xxiv.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dakinhar kellna rikjesta mingħand il-Kuntrattur li talabna sabiex jekk il-Kunsill xtaq li nhar jum il-Milied jinġabar xorta waħda l-iskart dan setgħa jagħmlu b'€50 iżjed fuq il-prezz tas-soltu. Is-Sindku qal li s-Seg. Eżek. kienet weġbitu li skont il-kuntratt hemm miktub li l-iskart kellu jinġabar xorta waħda fil-ġranet ta' festa li jaqgħu fost il-ġimgħa u bil-prezz jibqa l-istess.

**xxiv.ii** Qal ukoll li bħala AKL iddiskutew ukoll is-servizz ta' bring in sites. Qal li ltaqgħu maż-żewġ operaturi biex jaraw liema tip ta' bring in sites l-aħjar li jsiru. Bring In Sites

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien inħareġ il-permess lit-Tarxien Pageant Group sabiex itellgħu attivita' fil-pjazza quddiem il-knisja nhar is-27 u 28 ta' Marzu 2018 filwaqt li jużaw il-pjazza bejn il-25 u t-28 ta' Marzu 2018. Attivita' Tarxien Pageant Group

**xxv.i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intbgħatet t-talba lit-TM sabiex isiru double yellow lines faċċata ta' garaxx Nru. 7, fi triq Lanzon saret ukoll nota li l-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħew xi parkings. Dwar dan konna għadna ma rċevejniex risposta. Double yellow lines faċċata ta' garaxx Nru. 7,triq Lanzon

**xxvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook u li din il-kawża kienet ġiet differita għal 13 ta' Frar 2018. Kawża l-Qorti

**xxvii.** Fir-rigward tat-talba għal one way system fi Triq Dun Ġwann Mamo ma' triq San Franġisk – Il-Kunsill reġa ddiskuta dan il-każ u baqa bl-istess opinjoni li nibgħatu ninfurmaw lit-TM li t-triq in kwistjoni kienet oħra u mhux kif dedotta. Talbiet TM

**xxviii.** Fir-rigward tat-talba għad-double yellow lines faċċata ta' garaxx no 3a Vjal Simmons, is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna ninfurmaw lit-TM li kien rizolt li l-Kunsill ma qabilx ma din it-talba, pero dwar dan żied is-Sindku konna għadna ma rċevejniex risposta mingħand l-istess TM. double yellow lines faċċata ta' garaxx no 3a Vjal Simmons

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu żewġ talbiet mingħand it-TM Talbiet TM

- Triq San Anard 59 – talba għal RESERVED parking bay
- 68K Triq Simmons – talba għal RESERVED parking bay ġiet approvata għall-sena

Għal dawn iż-żewġ talbiet il-Kunsill ma kellux oġġezzjoni.

**xxx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba oħra mingħand it-TM sabiex issir mera fi Triq San Tumas. Mera fi Triq San Tumas

Is-Sindku Paul Farrugia spjega li hemmhekk ma kienx hemm lok għal mera għaliex kienet ser tiġi perikoluża għax toħloq inċident gravi. Huwa kompla jispjega li ma riedx joħloq preċedent gravi.

Sadanittant il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li r-resident li kien għamel il-*claim* kien kelmu u li hu kien spjegalu s-sitwazzjoni. Kompla jispjega s-Sur Darmanin li iżda dan l-individwu kien wieġbu li hu b'din il-mera mwaħħla biss fejn xtaq hu, kien ser ikun moqdi.

Il-Kunsillier Frans Agius irrimarka li allura din il-mera fejn kienet ser titwaħħal kienet ser issir esklussivament għal dan l-individu u mhux għal komunita'.

Il-Kunsillier Luke Genuis issuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra lit-TM fejn fiha jikteb li bħala Kunsill Lokali jħoss li m'għandux jassumi r-responsabbilta' sabiex jinstalla mera li tista toħloq periklu. Pero fil-każ li t-Transport Malta hija ta' opinjoni differenti allura din għandha tassumi kull responsabbilta' inkluż dik finanzjari.

Dan is-suġġeriment għadda għall-vot bir-riżultat ikun :-

Favur – Sindku Paul Farrugia, Kunsillieri Frans Agius, Lawrence Bonavia u Luke Genuis
Kontra – Viċi Sindku Keith Darmanin.

Dan il-vot għadda b'maġġoranza ta' erbgħa kontra wieħed u għaldastant din l-ittra ser tintbgħat lit-TM (Transport Malta) kif dedotta.

**xxxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dakinhar tad-19 ta' Diċembru 2017 fil-5.30pm kienet saret il-laqgħa annwali għar-residenti ta' Ħal Tarxien li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali pero ħadd mill-pubbliku ma kien attenda għal din il-laqgħa. Laqgħa pubblika

**75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**i.** Il-Kunsillier Luke Genuis staqsa jekk setawx issiru żewġ tabelli :
- *no right turn* fi Triq Lanzon k/m Triq Paola
- *no left turn* Triq is-Sorijiet k/m Triq Xintill

i.i Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u qabel li jsiru dawn iż-żewġ tabelli. U għaldaqstant kienet ser tintbgħat ir-rikjesta lit-TM.

**75.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**75.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 61/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**75.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**75.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**75.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**75.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7:15PM.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar l-Erbgħa 24 ta' Jannar 2018 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |